**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Livelli 4–6**

| IT-TIENI SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: _______________________**

**Il-klassi: _______**

| Il-Marki | L-Udit u l-Qari | It-Taħdit/ Il-Proġett | Is-Smigħ | Il-Kitba | It-Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | ______ 10 | ______ 10 | ______ 10 | ______ 70 | ______ 100 |

| A. Il-Fehim mill-Qari u Għarfien il-Lingwa | 15-il marka |
|---|---|

**Aqra sewwa u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**



Jien ma naħdimx, xogħol mhux infittex,
U impjieg ma għandix.
Għax ħin ma nsibx,
Imma hemm min lili ma jifhimnix.

Ma nieqaf qatt,
Imma għal xogħli m'hemmx ħlas.
X'nilbes hawn ġew
Anqas biss nagħti kas.

Mal-mejda l-aħħar li npoġġi nkun jien,
Imma nitgħaxxaq narana flimkien.
Ma ngerger qatt,
Inlesti l-qadi minn qalbi kuljum.
Ma nafx x'int tgħid,
Wisq anqas naf kemm fadalli ndur.

*(Meħuda mill-kanzunetta rebbieħa tal-Festival l-Għanja tal-Poplu 2014)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha:**

1. **Agħżel it-tweġiba t-tajba.**

a. Din il-persuna m'għandhiex:

- ❑ karriera
- ❑ ħbieb
- ❑ dar
- ❑ karozza *(marka)*

b. Għalkemm taħdem ħafna:

- ❑ ma titħallasx
- ❑ titħallas ħafna
- ❑ ma tbatix
- ❑ tixtieq issib xogħol ieħor *(marka)*

ċ. Hi ma toqgħodx tagħti kas kif:

- ❑ issuq
- ❑ tilbes
- ❑ tixrob
- ❑ tixtri *(marka)*

d. Din tinsab kuntenta għax ferħana:

- ❑ bil-paga
- ❑ bil-kundizzjonijiet tax-xogħol
- ❑ bil-familja tagħha
- ❑ bil-ħinijiet tax-xogħol *(marka)*

2. Min taħseb li hi din il-persuna li qed tiddeskrivi x-xogħol tagħha?

_____________________________________________________*(2 marki)*

3. Imla l-vojt b'kelma waħda f'kull linja, skont is-sens tas-silta:

Fid-dinja nsibu ħafna _______________ differenti li lkoll ivarjaw fil-kundizzjonijiet u l-_____________. Madanakollu hemm xogħlijiet li wieħed jaħdem ħafna u ma _____________. Għalkemm mingħajr ħlas din il-ħidma xorta waħda toffri _______________.

*(4 marki)*

4. *Imma għal xogħli m'hemmx ħlas.* (strofa: 2)

Il-kelma **xogħli** qiegħda tirreferi għax-xogħol tal-

- ☐ mara tad-dar
- ☐ istudenti
- ☐ kokijiet
- ☐ ġardinar

*(marka)*

5. Sib kelma mis-silta li tfisser:

*xogħol* (strofa 1) ____________________

*nitpaxxa* (strofa 3) ____________________

*jonqosni* (strofa 3) ____________________

*(3 marki)*

6. L-espressjoni li għandha linja taħtha: *Inlesti l-qadi* ***minn qalbi*** *kuljum.* (strofa: 3) tfisser:

- ❑ niddejjaq nagħmlu
- ❑ nieħu gost nagħmlu *(marka)*

| **B. IL-GRAMMATIKA** | **10 marki** |
|---|---|

1. Imla l-vojt billi tikteb il-**Plural** u wara mmarka b'**X** jekk humiex fil-**Plural Sħiħ** jew fil-**Plural Miksur**:

| | Singular | Plural | Plural Sħiħ | Plural Miksur |
|---|---|---|---|---|
| a. | ħin | | | |
| b. | mejda | | | |

*(4 marki)*

2. Il-kanzunetta tibda bil-vers: *Jien ma naħdimx.*

Ikteb il-pronomi quddiem dawn is-sentenzi.

a. _________ ma taħdimx.

b. _________ ma naħdmux.

ċ. _________ ma jaħdimx.

d. _________ ma taħdmux.

*(4 marki)*

3. **Stat Kostrutt**: Poġġi f'ordni dawn il-frażijiet bħal fl-eżempju.

**eż. ħmar denb il-** denb il-ħmar

a. iż- Żurrieq Wied ____________________

b. widnet kelb il- ____________________

ċ. tifla it- sieq ____________________

*(3 marki)*

4. Kompli bħal fl-eżempju:

| Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|
| naħdem | ħadem | ħ-d-m |
| titlob | | |
| jiġbru | | |
| laqgħu | | |
| infarfru | | |

*(4 marki)*

## Ċ. IL-LETTERATURA 15-il marka

### Il-Poeżija (8 marki)

**Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħt it-tajba:**

1. Il-poeżija *Ballata* titkellem dwar ġrajja li seħħet fi żmien (it-Torok, il-Kavallieri, l-Ingliżi).

2. Il-maħbubin fil-poeżija *Ballata* kienu jiltaqgħu bil-moħbi billejl ħdejn (knisja, għar, ġnien).



3. Il-poeżija *Dwejra* tittratta dwar post (f'Malta, fi Franza, f'Għawdex).

4. Il-ġebla li tissemma' fil-poeżija *Dwejra* tissejjaħ (tal-Kbir, tal-Ġeneral, tal-Ftuħ).

5. Meta tkun *Ġejja x-Xita*, in-nies inaddfu l-bjut u jiftħu (l-bibien, l-bjar, l-kmamar).

6. Meta tkun *Ġejja x-Xita*, il-bebbux imur (jiekol, jorqod, jistaħba) ġewwa t-toqob qalb il-blat.

7. Fil-poeżija *Gelmus*, il-poeta jħossu qrib (tal-baħar, t'Alla, tal-kampanja).



8. Il-poeta minn fuq l-għolja ħa xitla sagħtar u saqqiha (bl-ilma tal-baħar, bl-ilma ħelu, bid-dmugħ), fil-poeżija *Gelmus*.

| **Ir-Rumanz – Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta** | *(7 marki)* |
|---|---|

1. Pinġi bil-**kulur** il-kaxxi li fihom it-tweġiba t-tajba biss. B'kollox hemm **erbgħa** tajbin.

Id-dar fejn kien jgħix Toni kienet:

| | |
|---|---|
| palazz ta' Kavallier | f'kundizzjoni tajba |
| il-Belt | kbira |
| tagħmel il-ħsejjes billejl | b'sular wieħed |
| moderna | iż-Żejtun |

*(2 marki)*

2. Imla l-vojt bil-kelmiet li jinsabu fil-kaxxa (mhux kollha jintużaw).

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| omm Toni | Ġolina | Ġemma | nisa | iljuni | Wistina |
| Amerika | Grace | Antida | Toni | fuklar | Belt |

a. Toni ġie lura mill-_______________ mal-familja tiegħu wara l-mewt ta' missieru.




b. Huma marru joqogħdu l-_______________ mal-familja tan-naħa t'ommu.

ċ. ___________________ kienet tieħu ħsieb id-dar.

d. Iz-zijiet ta' Toni, _________________ u _______________, kienu għalliema.

e. In-nanna________________ kienet tgħaddi l-ħin titlob.

f. Oħtu________________ kien ħsiebha biex toħroġ 'il barra.

ġ. Fil-festa taż-Żejtun, Toni kien imur għand in-nanniet Tittu u _______________.

għ. Il-_______________ kien jinsab fil-kamra taz-zija Antida u kellu żewġt ______________ fil-faċċata.

*(5 marki)*

| D. IL-KITBA FUNZJONALI | 5 marki |
|---|---|

Agħżel il-kelma t-tajba mill-kliem fil-kaxxa. Hemm **kliem żejda** li ma tridx tuża.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| aħwa | Malta | familja | tbissima | raħal | Qrendi | rebaħ |
| saċerdot | tabib | iżgħar | dwejjaq | popolari | razza | tmien |



1. Gianluca Bezzina twieled fid-9 ta' Novembru 1989 u huwa mill-______________.
2. Bezzina ġej minn ____________ kbira u huwa t-tielet fost seba' ______________.
3. Meta kien żgħir xtaq isir _______________ missjunarju sakemm biddel fehmtu u llum il-ġurnata huwa ______________.
4. It-talent mużikali wasslu biex sar ______________ magħna l-Maltin.
5. Fl-2013 huwa _____________ il-Festival Kanzunetta għall-Ewropa bil-kanzunetta '*Tomorrow*' li biha rrappreżenta lil _____________ fl-Isvezja u kklassifika fit-___________ post.
6. Ħafna jafuh bħala ġuvnott eżemplari, simpatiku u dejjem bi _______________ fuq fommu.

## E. IL-KITBA KREATTIVA 20 marka

Agħżel titlu **wieħed** minn dawn u ikteb bejn **120-150 kelma** fuqu fuq karta separata.

Tista' tuża l-mistoqsijiet u l-kliem tal-kaxxi biex jgħinuk.

1. **Persuna li ma naqbilx magħha.**



*(Min hi din il-persuna? Kif tidher minn barra? X'karattru għandha? Fiex ma taqblux? Semmi xi esperjenza kerha li kellek ma' din il-persuna.)*

*Tista' tuża kliem bħal:*

| |
|---|
| *x'jisimha – twila – irqiqa – dħulija – nervuża – qisna kelb u qattus* |

2. **Kantant/a popolari tela'/telgħet fuq il-palk u f'daqqa waħda...(kompli l-istorja).**



*(Min kien il-kantant/a hu/hi? Fejn? X'ġara? Jien x'għamilt? Kif spiċċat l-istorja? Għadda kollox b'wiċċ il-ġid?)*

*Tista' tuża kliem bħal:*

| |
|---|
| *festival tal-kant – sajf - fil-pjazza tar-raħal – ħoss qawwi –* |

| |
|---|
| *qam paniku – twerżiq - biża'* |

**3. Liema hu l-istaġun favorit tiegħek: is-sajf jew ix-xitwa? Għid għaliex tħobb dan l-istaġun?**



*(X'ifisser għalik is-sajf? Xi tfisser għalik ix-xitwa? Liema tippreferi? Għaliex?)*

*Tista' tuża kliem bħal:*

| |
|---|
| *frott – vaganzi – baħar – festi – maltemp – skola – Milied – nippreferi - inħobb* |

**Numru:__________**